MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 573/2007

**Ancams Limited (C-19060)**

**Vs**

**Hastings Catering Limited u skond il-verbal tas-17 ta'Jannar 2008 l-isem 'Hastings Catering Limited' jinbidel ghal 'Hastings Caterers Limited' u Carmelo Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Lulju 2007 li bih is-socjeta attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhomx, solidament, inkluz Camel Farrugia bhala garanti ghall-kreditu koncess, ihallsu lill-Ancams Limited ta' Demef, Mdina Rd., Zebbug is-somma ta' elf, mitejn u sitta u disghin Euro u sitta u sebghin centezmu (Euro 1296.76), gja hames mija u sitta u hamsin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm556.70) rapprezentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata u

konsistenti fl-ammont ta' tmien mija u sitta u tmenin Euro u tnejn u tmenin centezmu (Euro 886.82) gja Lm380.71 ghal prodotti ta' l-ikel u in kwantu ghal erba` mija u ghaxar Euro u tmienja u tmenin centezmu (Euro 410.88) gja Lm176.39 ghall-prodotti ta' gelati - u dan bejn il-perijodu Dicembru 2002 u Marzu 2006, oltre l-imghaxijiet legali.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti pprezentata fit-13 ta' Awissu 2007, li permezz taghha eccipew illi preliminarjament l-Avviz tat-Talba gie ntavolat hazin stante illi ma tezisti l-ebda socjeta` bl-isem "Hastings Catering Limited; illi preliminarjament ukoll Carmelo Farrugia f'ismu propju mhuwiex il-legittimu kuntradittur; illi fil-mertu t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-ammont mitlub fl-avviz promotorju mhuwiex dovut peress illi l-merkanzija li qed issir referenza ghaliha fl-Avviz tat-Talba tas-socjeta` attrici kellha terga` tigi ritornata lis-socjeta` attrici stante illi l-freezers provduti mill-istess socjeta` attrici u li fihom kellha tigi mahzuna l-merkanzija de quo kienu difettuzi tant illi l-istess merkanzija ma baqghetx tajba ghall-konsum, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza; illi minghajr pregudizzju ghas-suesppost, u in ogni kaz, it-talba attrici hija wahda esagerata; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tas-17 ta' Jannar 2008 li fih, fuq talba tas-socjeta` attrici, t-Tribunal awtorizza korrezzjoni fl-okkju u fl-atti kollha ta' din il-kawza, sabiex l-isem tas-socjeta` konvenuta jinqara "Hastings Caterers Ltd."

Sema' x-xhieda ta' **Saviour Micallef** in rapprezentanza tas-socjeta` attrici li waqt ix-xhieda tieghu tas-17 ta' Jannar 2008 xehed illi mill-ammont reklamat fl-Avviz huwa kien ghadu ma rcieva xejn. Huwa jghid li kienu jissupplixxu l-ikel lit-Trattoria Campanella, kif ukoll gelati. Il-klijent kellu *upright freezer* u *chest freezer* li kienet tathomlu Ancams Limited. Huwa jixhed li darba kien cempillu l-kok u kien infurmah li kienu dabu xi gelati.

Ix-xhud jghid li kien mar fuq il-post u kien ha freezer iehor sabiex jekk kellha xi hsara jibdluwielu izda kien induna li l-gelati kienu dabu bi traskuragni. Il-freezer kienet tahdem u

rrizulta li l-konvenut kien tfiha. Din kienet l-upright freezer. Dwar ic-chest freezer ix-xhud jghid li meta kienu ttawlulha sabu affarijiet li ma kinux taghha nkluz haxix fost affarijiet ohra.

Sema’ x-xhieda ta’ **Carmen Micallef** in rapprezentanza tas-socjeta` attrici li waqt is-seduta tas-17 ta’ Jannar 2008, xehdet illi hija d-direttrici tal-kumpanija attrici u tiehu hsieb il-klijenti u t-Trattoria Campanella bhala klijenti gieli segwietha hi wkoll. Hija esebiet Dok CM1 u Dok CM2 riferibbli ghal dry food li huma kienu jissupplixxu lil din it-Trattoria fl-ammont ta’ Lm380.31 u l-ohra riferibbli ghal gelati fl-ammont ta’ Lm176.39.

Hija tikkonferma illi l-kontestazzjoni kienet fuq gelati u li gieli kellmet lill-konvenut personalment u li l-kontestazzjoni kienet illi hu sofra kwazi Lm85 fi hsarat meta dabulu l-gelati bi traskuragni tieghu u kien qed jikkontendi illi ma kellux ihallas il-kontijiet li fadallu pendenti. Hija tghid li l-gelati li sabu mdewbin fil-friza ngabru mill-haddiema taghhom u esebiet Dok CM3 li hija return sheet fl-ammont ta’ Lm84.76, liema ammont is-socjeta` konvenuta kienet qed tippretendi li tnaqqas mill-kontijiet pendenti.

L-istess xhud esebiet Dok CM4 li hija applikazzjoni tal-istess klijent ghal 60 jum ta’ kreditu li kienet giet approvata u ffirmata miz-zewg partijiet. Ix-xhud tghid li l-posizzjoni taghhom dejjem kienet li ma kellhomx ghalfejn jaghmlu tajjeb ghal dawk l-Lm84 peress illi ma kienx tort tal-freezer li kienu kkonsenjawlu. Hija tghid li l-kawza saret ukoll kontra Carmelo Farrugia peress illi huwa sid ir-restaurant u fuq l-istess Dok CM4 kien iffirma li jaghmel tajjeb personalment ghal dak li seta` kien dovut lill-kumpanija. Din kienet parti mill-credit terms li taghti s-socjeta` attrici.

Ix-xhud tghid ukoll illi d-delivery man taghhom irraportalhom illi l-freezer extra li nghatat lis-socjeta` konvenuta kienet qed tintuza ghal oggetti ohrajn bhalma huma haxix.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut **Carmel Farrugia** li waqt is-seduta tas-26 ta’ Frar 2008 xehed illi huma kienu ilhom jixtru gelati minghand is-socjeta` attrici ghal 5 snin. Huwa jghid li kellhom refrigerator tas-socjeta` attrici li ma kienitx qed tkessah bizzejjed u kien irraporta kemm il darba izda qatt ma waslu biex gew jibdluha u kienu qalulhom li ma kellhomx refrigerators ohrajn. Imbaghad kienu qalulu li kienu ddubbaw wahda minn xi mkien u gew jikkonsenjawha izda lanqas din ma kienet tajba. Imbaghad huma kienu hadu kollox. Il-post ta’ Campanella kien mikri minghand il-Gvern.

Muri Dok CM4, ix-xhud jaghraf il-firma tieghu u jghid li kienu ghamlu *credit facility agreement*, ghalkemm normalment fi zmien gimghatejn kien jaqta` l-kontijiet li kien ikollu. Kienet biss ma’ din il-problema li l-kont twal ghal xahrejn u aktar.

Sema’ x-xhieda ta’ **Edi Abed** prodott mill-konvenut, li waqt is-seduta tad-19 ta’ Mejju 2008 xehed illi huwa kien jahdem bhala kok mas-socjeta` konvenuta. Huwa jghid li kellhom freezer ta’ Ancams Limited li kien fiha gelati ta’ kwalita` tajba u darba minnhom kienet waqfet u wara tlett ijiem is-socjeta` attrici baghtitilhom ohra li pero` xorta ma kinitx tkessah bizzejjed. Kienu regghu kellmuhom u madwar jumejn wara kienu gew hadu x-xoghol ghalkemm sa dak in nhar ix-xoghol kien thassar. Ix-xhud jghid li meta hadu l-affarijiet huma ma ssostitwewhomx. Huwa jghid ukoll illi damu seba` snin jahdmu mas-socjeta` attrici minghajr problemi u l-hlasijiet dejjem saru fil-pront.

Sema’ x-xhieda ta’ **Carmen Micallef** in kontro-ezami li waqt is-seduta tat-23 ta’ Gunju 2008 xehdet illi qabel ma nbdiet il-kawza giet skambjata korrispondenza u l-posizzjoni tas-socjeta` attrici dejjem kienet illi ma kienitx qed taccetta illi jitnaqsu l-Lm84.76 peress illi huma kienu pprovdew tlett freezers u jekk wahda kienet bil-hsara setghu facilment juzaw it-tnejn l-ohra. Hija ma tikkonfermax dak li gie lilha suggerit illi huma kienu offrew freezer wahda biss u meta kellha l-hsara offrew is-sostituzzjoni taghha. Is-socjeta` konvenuta kellha upright freezer li kienet tahdem tajjeb, chest freezer li kienet

tahdem ukoll u meta qalulhom li l-upright freezer kienet bil-hsara ipprovdew ohra. Hija tghid ukoll illi meta marru ghal freezers sabu li c-chest freezer kienet mimlija haxix li huma ma jipprovdux il-freezers ghalihom. Ix-xhud tichad ukoll illi t-tieni freezer li ssupplixxew kienet ukoll bil-hsara. Hija tikkonferma wkoll li apparti dan il-hlas qatt ma kien hemm problemi.

Sema' x-xhieda ta' **Saviour Micallef** in kontro-ezami li waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2008 xehed illi t-tieni freezer kienet tajba u tiffunzjona. Huwa jichad li qatt kellu telefonata jew korrispondenza li kienet tindikalu li z-zewg freezers kienu bil-hsara. Huwa jghid illi l-haxix fic-chest freezer rah hu personalment. Ix-xhud jghid illi kif cempillu r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta huwa mmedjatament mar fuq il-post u avzah illi seta` jpoggi l-gelati fic-chest freezer izda din kienet mimlija haxix. Huwa ma jikkonfermax illi sakemm waslu huma l-gelati kienu diga` dabu. Huwa jghid illi l-gelati kienu gabruhom huma.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra :

Illi mill-apprezzament tal-provi kollha prodotti jidher pacifiku jinghad illi l-kwistjoni kollha inqalet peress illi l-konvenuti ppretendew illi mill-kont intier jitnaqqsu s-somma ta' Lm84.76 (Euro197.44) rappresentanti r-returns tal-gelati lis-socjeta` attrici, in kwantu illi kienu thassru u l-konvenuti ghalhekk ma setgux ibieghuhom.

Illi kollox ghalhekk jiddependi minn kif dan it-Tribunal sejjer jiddeciedi dwar il-htija o meno tas-socjeta` attrici ghall-hsara tal-gelati.

It-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet.

Il-konvenuti isostnu illi damu zmien jirrapportaw il-hsara fil-freezer bil-konsegwenza illi rrizultat il-hsara fil-gelati. Ma jsemmu xejn pero` fuq il-freezers alternattivi li kellhom.

Din it-tezi giet michuda mix-xhieda prodotti mis-socjeta` attrici – li sostnew li l-konvenuti kellhom freezers ohra, ukoll suppliti mis-socjeta` attrici li kellhom iservu bhala alternattiva ghal dik li kienet bi hsara. Ma giex kontradett pero` illi l-freezer extra kienet qed tintuza ghall-haxix aktar milli ghall-prodotti suppliti mis-socjeta` konvenuta.

B'din ir-rizultanza, ma hemmx dubbju illi t-tort ghall-hsara fil-gelati iridu jassumuh il-konvenuti, u b'hekk u ghal din ir-raguni allura it-tielet eccezzjoni ser tigi respinta.

Hekk kif ser tigi respinta t-tieni eccezzjoni anke wara illi l-istess konvenut Carmel Farrugia gharaf il-firma tieghu fuq DOK CM4 li jitkellem car – ossia illi huwa kien qieghed personalment jassumi responsabbilita` ghall-hlas (vide para 3).

Ghaldaqstant, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' elf, mitejn u sitta u disghin Euro u sitta u sebghin centezmu (Euro1296.76), bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' l-Avviz u bl-ispejjes kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------